**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 362 tad-29 ta' Frar 2016 fuq punt imqajjem mill-Onor. David Agius fis-Seduta 361 tal-24 ta' Frar 2016 dwar allegat użu ta' kliem mhux parlamentari mill-Onor. Chris Cardona fil-konfront tal-Oppożizzjoni**

Nagħmel referenza għall-punt imqajjem mill-Onor. David Agius fis-Seduta 361 tal-24 ta' Frar 2016 dwar allegat użu ta' kliem mhux parlamentari mill-Ministru Chris Cardona fil-konfront tal-Oppożizzjoni, hekk kif kienet bdiet tingħata stqarrija ministerjali mis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Roderick Galdes. Nikkwota mill-istess seduta:

> "**ONOR. DAVID AGIUS:** *Point of order*, Mr Speaker.
>
> **MR SPEAKER:** X'inhu l-*point of order,* Onor. David Agius?
>
> **ONOR. DAVID AGIUS:** Nixtieqek tinvestiga l-każ li għadu kemm ġara issa. Għadu kif ħareġ il-Ministru Cardona u lilna tal-Oppożizzjoni f'wiċċna għajjarna "imbarazz".
>
> **MR SPEAKER:** Ħa nieħu nota u ninvestiga.
>
> **ONOR. DAVID AGIUS:** Nixtieqek tieħu azzjoni għaliex inti għedt li dawn l-affarijiet mhux se tittollerahom.
>
> **MR SPEAKER:** Le, mhux se nittollerahom.
>
> **ONOR. DAVID AGIUS:** Nixtieqek tieħu passi issa fuq dawn l-affarijiet.
>
> **MR SPEAKER:** Ħadt nota ta' dan kollu u s-Sedja taf x'għandha tagħmel. Nirringrazzjak, Onor. Agius. Issa nkomplu bl-istqarrija. Kompli, Onor. Galdes."

Is-Sedja tixtieq tirrimarka mill-ewwel li fil-mument li ġara l-allegat inċident hi ma semgħetx id-diskors jingħad, bħalma jidher li lanqas ma nstema mill-istess Onor. David Agius li qam jagħmel dan il-punt wara li nġibditlu l-attenzjoni mill-Membri li kienu bilqiegħda warajh. Dan joħroġ mill-filmat li rat is-Sedja, liema filmat qiegħed jittieħed skont dak li ġie deċiż fir-*ruling* mogħti fis-Seduta 330 tat-23 ta' Novembru 2015. F'dik l-okkażjoni s-Sedja kienet qalet hekk:

> "Is-Sejda tirrimarka li dan l-inċident ma jagħmel l-ebda ġieħ lill-Parlament tagħna u għalhekk, bħala miżura addizzjonali mal-istess *ruling* li tat l-istess Sedja f'Ġunju 2015, fejn għamlitha ċara li se tibda tapplika r-regoli tat-Taqsima IV tal-Ordnijiet Permanenti b'mod intier, issa se tara li meta jkun hemm inċidenti simili waħda mill-*cameras* li għandna fil-Parlament tmur mill-ewwel fuq il-membri li jkunu qed jużaw kliem dispreġjattiv fil-konfront ta' xi membru, jew lejn il-Kamra, jew lejn is-Sedja. Dawn il-filmati jkunu biss għal skopijiet ta' investigazzjoni tas-Sedja u ma jiġux imxandra. Għalhekk, is-Sedja qed tagħmilha ċara li, kemm biex tevita inċidenti simili fil-futur kif ukoll sabiex hija jkollha filmat ta' tali inċidenti għal skopijiet ta' investigazzjoni jekk meħtieġ, se tagħmel dawk l-arranġamenti meħtieġa sabiex ikun hemm filmat ta' dak li jkun qed jiġri fil-Kamra kollha."

Minn dan il-filmat joħroġ ċar li meta s-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes beda jindirizza l-Kamra waqt l-Istqarrija Ministerjali, il-Ministru Cardona, huwa u ħiereġ il barra

deher iħares lejn l-Oppożizzjoni però ma nstema' jlissen l-ebda kelma. Mill-filmat jidher ukoll li kienet l-Onor. Claudette Buttigieg li ġibdet l-attenzjoni tal-Onor. David Agius li ntqalet xi kelma li wara rriżulta, skont il-punt imqajjem wara mill-Onor. Agius, li kienet il-kelma "imbarazz".

Sussegwentement is-Sedja kellmet lill-Ministru Chris Cardona li min-naħa tiegħu qal li dik il-kelma huwa qalha peress li l-Kap tal-Oppożizzjoni rrefera għal xi Membru tal-Gvern bħala li huwa "ħmieġ". Is-Sedja għalhekk rat it-traskrizzjoni tad-diskors tal-Kap tal-Oppożizzjoni meta ftit tal-ħin qabel qam sabiex jistaqsi lill-Prim Ministru dwar jekk kienx se jagħmel stqarrija ministerjali fl-istess seduta. Effettivament il-kelma "ħmieġ" intużat mill-Kap tal-Oppożizzjoni f'dan il-kuntest:

> "Biex nifthiemu x'inhu *trust, trust* mhux fiduċja għax għal dan il-Gvern *trust* mhux fiduċja tfisser, *trust* tfisser borża flus fi New Zealand, dak li tfisser għal dan il-Gvern *trust.* U biex nifthiemu, il-Panama hija pajjiż li huwa meqjus bħala pajjiż li hemm diffikultajiet kbar, ħmieġ kbir ..."

u iktar tard:

> "Il-Panama huwa pajjiż marbut u msemmi mal-evażjoni tat-taxxa, mal-ħabi ta' flus, mal-ħasil tal-flus u mal-ħmieġ u nsiru nafu li Ministru tal-Gvern għandu kumpanija fil-Panama."

Minn din it-traskrizzjoni s-Sedja tifhem li għalkemm fil-fatt intużat il-kelma "ħmieġ", il-Kap tal-Oppożizzjoni ma kienx qed jalludi b'mod dirett li Ministru tal-Gvern huwa "ħmieġ" imma bħala referenza għall-ħasil u ħabi tal-flus u għall-evażjoni tat-taxxa li l-pajjiż tal-Panama huwa msemmi għalihom, għalkemm immedjatament wara jgħid:

> "u nsiru nafu li Ministru tal-Gvern għandu kumpanija fil-Panama."

Għalkemm ir-reazzjoni tal-Ministru Cardona fl-użu tal-kelma "imbarazz" hija inqas iebsa mill-kelma "ħmieġ", effettivament is-Sedja xorta rreferiet għat-traduzzjoni bl-Ingliż ta' din il-kelma fid-dizzjunarju ta' Ġużè Aquilina fejn insibu dan li ġej:

> "*embarrassment, awkwardness, trouble, rubbish, encumbrance, anything that encumbers a place*".

Però jibqa' l-fatt li ma kien hemm l-ebda ġustifikazzjoni li tintuża l-kelma "imbarazz" għaliex ma kenitx qed tintuża f'kuntest ta', pereżempju "kien hawn ħafna imbarazz ta' karti" jew li "dawn huma argumenti li jimbarazzaw."

Is-Sedja nnotat ukoll li fir-rimarka mgħoddija, ma kien hemm l-ebda riferiment lejn xi Membru partikolari tal-Kamra li allura seta' jikkwalifika tali kumment li jaqa' l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, partikolarment il-paragrafu 11(4)(b) li jgħid li jkun huwa reat kontra dan l-Att:

> "(b) kull insult jew nuqqas ta' qima lill-persuna li tkun tippresjedi laqgħa tal-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha u kull insult jew nuqqas ta' qima lil wieħed mill-Membri tal-Kamra, ukoll jekk dak il-Membru ma jkunx preżenti fil-waqt tal-insult jew tan-nuqqas

> ta' qima, meta fil-każ il-wieħed jew l-ieħor l-insult jew in-nuqqas ta' qima jsiru quddiem il-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha waqt xi laqgħa tagħhom;"

Hawnhekk nikkwota minn *ruling* li tat is-Sedja fis-Seduta 144 tal-5 ta' Mejju 2014:

> "Il-liġi hawnhekk tagħmilha ċara li biex dak li jkun qal Membru, f'dan il-każ allura dak li qal l-Onor. Anton Refalo, jitqies bħala insult, irid ikun insult li jkun indirizzat lejn persuna identifikabbli bħala Membru ta' din il-Kamra. Fil-fatt il-liġi tgħid "lil wieħed mill-Membri tal-Kamra", jiġifieri l-persuna trid tiġi identifikata. Dan joħroġ ukoll ċar minn artiklu 252(1) tal-Kodiċi Kriminali fejn jingħad li l-inġurja trid tkun indirizzata lejn persuna identifikabbli, u nikkwota:
>
> > "Kull min, bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta' xi ħadd[1], iweġġgħu bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa.".".

Is-Sedja fl-aħħar nett tagħmel ukoll tagħmel referenza għal *rulings* mogħtija minna stess dwar din il-materja fis-Seduti 279 tat-22 ta' Ġunju 2015 u fis-Seduta 329 tal-20 ta' Novembru 2015 fejn iddikjarat ruħha kompletament kontra l-użu ta' kliem mhux parlamentari fil-konfront ta' bejn il-Membri.

Għaldaqstant is-Sedja tħoss li bħalma għamlet drabi oħra, kemm hi kif ukoll diversi Speakers ta' qabilha, tappella sabiex l-imġiba tal-Onorevoli Membri f'din il-Kamra tkun dejjem waħda ta' rispett bejn il-Membri infushom u li tkun tagħmel ġieħ lil din l-istituzzjoni.

[1] Sottolinjat għall-enfasi